Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)
vs
Simon Buhagiar

Illum 25 ta' April, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Simon Buhagiar, iben Andrew u Marianna nee Bezzina, imwieled fit-8 ta' Awissu, 1952 u detentur ta' karta tal-identita Nru 590052(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Frar 2001 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentement sabiex jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil dik l-istess persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li l-pesuna kienet innocenti, ghad-detriment ta' Josephine Attard u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-28 ta' Frar, 2002;

Taqta u tiddeciedi li fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu issibu hati tal-istess imputazzjoni u dana wara li rat l-Artikolu 101 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena d-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi l-imputat fuq imsemmi ikkopera ferm mal-Pulizija matul l-investigazzjoni, il-fatt illi l-imputat

ghandu fedina penali netta, kif ukoll illi irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu. Ghalhekk ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut. Ghaldaqstant wara li rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur